Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,397, 30 ta' April, 2020*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXII tal-2020**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerti Setgħat Ministerjali, Kap. 611.**

**ACT No. XXII of 2020**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Devolution of Certain Ministerial Powers Act, Cap. 611.**

Verżjoni Elettronika



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

30 ta' April, 2020

**ATT Nru XXII tal-2020**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerti Setgħat Ministerjali, Kap. 611.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.
Kap. 611.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerti Setgħat Ministerjali, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerti Setgħat Ministerjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 1 tal-Att prinċipali.

**2.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 1 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar u s-subartikolu (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 1.

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "data operattiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

Att XXII tal-2020.

"(3) Kull notifika, ordni, skema, regola, regolament, ħatra, delega, direttiva jew awtorizzazzjoni legalment magħmula, mogħtija jew maħruġa u kull ħaġa magħmula qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerti Setgħat Ministerjali skont il-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ottubru, 2019 imsemmija fl-Iskedi li jinsabu mal-Att prinċipali, għandhom jitqiesu li huma validi u jkomplu jkunu validi.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 321 tas-27 ta' April, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

Verżjoni Elettronika



I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

30th April, 2020

# ACT No. XXII of 2020

*AN ACT to amend the Devolution of Certain Ministerial Powers Act, Cap. 611.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Devolution of Certain Ministerial Powers (Amendment) Act, 2020, and this Act shall be read and construed as one with the Devolution of Certain Ministerial Powers Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 611.

**2.** Sub-article (2) of article 1 of the principal Act shall be deleted and sub-article (1) shall be renumbered as article 1. Amendment of article 1 of the principal Act.

Verżjoni Elettronika



Amendment of article 4 of the principal Act.

**3.** Article 4 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in sub-article (2) thereof, the words "operative date" shall be substituted by the words "coming into force of this Act"; and

(b) immediately after sub-article (2) thereof there shall be added the following new sub-article:

Act XXII of 2020.

"(3) Any notifications, orders, schemes, rules, regulations, appointments, delegations, directions or authorisations lawfully made, given or issued and anything done prior to the coming into force of the Devolution of Certain Ministerial Powers (Amendment) Act, 2020 in accordance with the enactments which were in force prior to the 1st October, 2019 mentioned in the Schedules to the principal Act, shall be deemed to be valid and continue to be valid.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 321 of the 27th April, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**